**Skabbja (Scabies)**

**X'inhi l-iSkabbja?**
Infestazzjoni tal-ġilda tal-bniedem minn dudu parassita li huwa żgħir ħafna u ma jidhirx bl-għajnejn. Dan il-parassita jiġri fuq il-ġilda u jħaffer mini f'wiċċ il-ġilda fejn ibejjed. Dan jikkawża irritazzjoni fil-ġilda u ħakk qawwi li jiżdied bil-lejl.

**Kif tittieħed?**
Il-parassita tgħaddi minn bniedem għall-ieħor waqt kuntatt dirett. Dan id-dudu ma jtirx u ma jaqbiżx minn persuna għal oħra. Għalhekk kuntatt każwali ma' joħloqx problemi imma kuntatt viċin u fit-tul jista' jkun kaġun li tinxtered.

Tinfirex ukoll permezz ta' rqad ma persuna infettata. Lożor, xugamani u ħwejjeġ ta' taħt ta' persuna infettata joffru riskju immedjatament wara l-użu tagħhom.

L-iSkabbja mhix rari u qiegħda tiżdied f'ħafna pajjiżi żviluppati wkoll. L-infestazzjoni ma tfissirx nuqqas ta' iġjene fid-dar jew personali! L-iSkabbja taffettwa biss lill-bniedem. L-unika mod kif jitwaqqaf it-tifrix huwa li jiġu trattati dawk li huma infettati u l-kuntatti tagħhom (anke jekk m'għandhomx sintomi).

**Sintomi**
Raxx tal-ġilda fejn jidher bħala ponot irqaq u dbabar ħomor; ħakk li jista' jkun qawwi bil-lejl u li jista' joħloq brix tal-ġilda tant li l-brix jista' jiġi nfettat.



X'jikkawża l-ħakk? Dan huwa kaġun ta' allerġija għall-insett u huwa għalhekk li s-sintomi jidhru madwar sitt ġimgħat wara l-infestazzjoni. Min diġà kellu l-iSkabbja qabel, jiżviluppa sintomi fi żmien ftit ġranet.

Dawn is-sintomi jidhru l-iktar fejn il-ġilda hija rqiqa eż. bejn is-swaba ta' l-idejn, il-polz, il-partijiet intimi tal-ġisem, is-sider u żaqq fin-nisa, il-warrani, iż-żokra u l'abt tad-driegħ.

**Minn għandu jiġi ttrattat?**

Dawk kollha li:

1. Jkollhom l-iSkabbja u
2. Il-persuni li jkunu f'kuntatt fit-tul magħhom skont il-parir tat-tabib.

It-trattament jikkonsisti f'applikazzjoni ta' insettiċida li jisimha permethrin *(Lyclear)* dermal cream  jew malathion *(Derbac)* lotion. Dan għandu jiġi applikat mill-għonq l-isfel billi jiġi midluk fuq il-ġilda. Kull parti tal-ġisem għandha tiġi midluka tajjeb.

Attenzjoni speċjali għanda tingħata lil partijiet tal-ġisem fejn il-ġilda tħokk ma' xulxin eż. bejn is-swaba (idejn u saqajn) u taħt id-dwiefer.



Il-persuni li għandhom bżonn il-kura għandhom jinħaslu b'ilma fietel, jixxuttaw tajjeb u jidilku l-ġilda kif spjegat hawn fuq.

Dawk il-persuni li jkollhom l-iSkabbja għandhom jagħmlu t-trattament darbtejn eż. tapplikah illum u tirrepetih sebgħat ijiem wara l-ewwel applikazzjoni.

Importanti li wara li t-trattament jiġi applikat, dan jitħalla jinxef fuq il-ġilda u mhux jitlaħlaħ jew jintmesaħ mal-ewwel u imbagħad jintlibsu l-ħwejjeġ. Permethrin (*Lyclear)* dermal cream għandu jinżamm fuq il-ġilda bejn 8 u 12 il-siegħa filwaqt li malathion *(Derbac)* lotion għandu jithalla għal 24 siegha.  Wara dan il-perijodu wieħed għandu jinħasel normali.

Importanti li min huwa infettat u l-kuntatti kollha għandhom japplikaw it-trattament fl-istess ġurnata.

**Hemm xi *side effects*?**
Jista' jkun hemm xi ftit tingiż fil-ġilda, jew xi ftit irritazzjoni u ħakk fil-ġilda.

**X'għandu jsir mill-ħwejjeġ etċ.?**
Il-lożor, ix-xugamani kif ukoll il-ħwejjeġ ta' fuq u ta' taħt tal-aħħar jumejn (48 siegħa) għandhom jinħaslu f'temperatura ta' >50°C (hot cycle), fl-istess ġurnata jew l-għada li t-trattament jiġi applikat.

Għalhekk ikun hemm bżonn li dawn l-affarijiet jiġu ppjanati minn qabel.

**Hemm xi alternattiva oħra flok ħasil tal-ħwejjeġ u l-lożor biex id-dudu jinqered?**
Iva jistgħu jitpoġġew ġewwa borża tal-plastik sewda u din tiġi esposta għax-xemx għal ftit siegħat. Alternattiva oħra hija li l-ħwejjeġ jibqgħu magħluqin fil-borża għal 72 siegħa.

**Meta għandu jmur lura għax-xogħol, skola etċ. minn għandu l-iSkabbja?**
L-għada tat-trattament.

***Jekk trid iżjed informazzjoni, ċempel lid-Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u Prevenzjoni tal-Mard fuq: 23266111, 23266122,23266109.***